biża' ta' l-imgħoddi u ta' li ġej bħal *f'Il-Ġerrejja u Jien*; naqsmu miegħu l-imħabba lejn ommu, bħal fil-ġawhra *Int ma Terġax* u l-ġibda lejn ħlejqa ċkejkna li serqitlu qalbu *f'Lil Kanarin Tiegħi*. Kullimkien tħoss is-sentiment fin, tajjeb, magħżul, milqut; għax kollox f'Dun Karm jixgħel fil-ġmiel tad-dawl tar-reliġjon li ħabb u għex u għallem u jibqa' jgħallem. Il-kobor tal-Knisja, l-immortalità tar-ruħ, ir-rebħa tat-tajjeb, Ġesù fil-ħajja Maltija ta' kull jum, il-Madonna li tħares fuq kulħadd mill-quċċata ħadra taċ-ċimiteru tal-Addolorata, jidhru fil-ġmiel tagħhom kollu fil-versi tiegħu. Għalhekk xieraq li ngħidu li Dun Karm huwa l-aħjar u l-aqwa interpretu taċ-ċiviltà Maltija – kattolika, familjari, storika, pastorali – li ntemmet mal-gwerra li għaddejna minnha u li ma terġa' fostna qatt.

U dan il-ġmiel kollu huwa mfisser fi ġmiel ta' kliem u frażijiet u epigrammi u ritmi u lwien u melodiji li jinbidlu minn waqt għal ieħor u minn għanja għal oħra kif naraw *f'Alla Mhux Hekk*, *Warda li Tgħid Ġrajjietha* u *Non Omnis Moriar*. Kullimkien tħoss id-daqqa tal-imgħallem – hekk li fil-Malti għalih biss nistgħu ngħidu, kif fl-Ingliż aktarx li għal Shakespeare biss nistgħu ngħidu – li jaf il-valur intrinsiku ta' kull kelma, li b'kull kelma jilgħab u b'kull kelma jinqeda biex ifisser b'ċarezza liema bħala il-ħsus tas-sens, it-taħwid tal-ħsieb u x-xenqat tar-ruħ, magħluqa bejn is-sens u l-ħsieb.

Dan fuq il-ġmiel fil-poeżija tal-poeta tagħna. X'nistgħu ngħidu fuq il-qawwa tagħha? Haġa waħda biss: Erġgħu aqraw *L-Jien u lil Hinn Minnu* – poema filosofiku – poema li jħabbatha mad-*Dei Sepolcri* tal-Foscolo u joqgħod tajjeb ħdejn l-aqwa xogħlijiet letterarji ta' l-istess sura Ingliża. Quddiem dan il-kobor il-kliem jieqaf u l-kritiku joqgħod f'postu.

## XHIEDA TA' QIMA LIL DUN KARM

Mill-PROFESSUR J.A. MANCHÈ, C.B.E., B.Sc., M.D., LL.D.Hon. (W.Ont.)
Rettur u Viċi-Kanċellier tal-Università Rjali ta' Malta

HIJA ħaġa wisq xierqa li min jaħdem għal pajjiżu u jagħmel il-ġid ikun magħdud bħala benefattur tal-poplu. U xogħlu għandu ikun apprezzat, u mogħti l-piż li jistħoqqlu.

U min jista' jiċħad li wieħed minn dawn in-nies li għaddew ħajjithom jaħdmu għal art twelidhom b'ħilthom kollha ma huwiex il-Poeta Nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila? Alla tah l-għomor u Dun Karm ma ħeliex mument

minnu. Kanta dejjem is-sbuħija ta' art twelidu, id-drawwiet sbieħ ta' ħutu l-Maltin, ħeġġiġhom dejjem għall-imħabba tal-Gżira tagħhom, għall-imħabba lejn min ġiebhom fid-dinja, u fuq kollox uriehom il-ġmiel tal-Lsien Malti. Fix-xogħlijiet tiegħu wieħed ma jistax ma jammirax it-tjubija tal-poeta, l-imħabba lejn ommu u lejn il-Gżira tagħna, u dana jagħmlu bi kliem sempliċi, użat kuljum. Ħalla warajh wirt sabiħ, li huwa dmirna ngħożżu u ngħaddu lil uliedna u lil ulied uliedna.

Mhux għalxejn l-Università, fis-sena 1945, ħasset id-dmir li bniedem bħal dan, tħaddnu magħha u tagħmlu iben tagħha billi tagħtih lawrja onorarja ta' Duttur tal-Letteratura. L-Università hija l-awtorità li f'dawn il-gżejjer kapaċi tapprezza xogħol bħal ta' Dun Karm. U dmirha li tagħmel il-qalb lil min jagħmel il-ġid u tgħinu sa fejn tista'. Dan id-dmir qdietu u għandha biex tiftaħar li fil-*Liber Aureus* tagħha jidher l-isem tal-kbir Poeta Nazzjonali li, għalkemm Alla ġabru, jibqa' ħaj fostna bix-xogħlijiet tiegħu li ma jmutu qatt.

## TIFKIRIET DWAR DUN KARM

Ta' L-Eċċellenza Tiegħu L-Arċisqof Michael Gonzi, K.B.E., G.C.O.J., D.D., D.Litt., B.L.Can., J.C.D.(Greg.)

Fost l-ammiraturi ta' Mons. C. Psaila, il-poeta nazzjonali, magħruf bħala "Dun Karm", ftit huma dawk li kienu ilhom jafuh u jammirawh daqsi.

Kont tifel ta' tlittax-il sena meta f'Ottubru tal-1898 dħalt is-Seminarju tal-Furjana fl-ewwel klassi tal-Ġinnasju. Dun Karm kien wieħed mill-ewwel surmastrijiet li kelli u mill-iżjed li kienu jinteressaw ruħhom fl-istudenti. Jiena sinċerament urejtu bil-fatti l-fiduċja tiegħi fih u hu, mill-banda l-oħra, wera nteress kbir fil-progress tiegħi.

Dam surmast tiegħi ta' materji diversi tliet snin, u ma tulhom ħa kura speċjali tiegħi. Ir-relazzjonijiet bejni bħala student ħabrieki u bejnu bħala surmast ta' kapaċità pedagoġika straordinarja saru intimi, u permezz tiegħi sar jaf il-ġenituri tiegħi. Kultant kien jiġi jagħmel żjara lill-familja tiegħi.

Ommi kellha stima kbira lejn Dun Karm u fiduċja kbira fih. F'waħda miż-żjarat li kien jagħmlilna d-dar ommi fis-sempliċità tagħha għamlitlu din il-mistoqsija: "Dun Karm, tgħid ikolli x-xorti li ġumatanara lil Kelinu saċerdot?" Dun Karm weġibha u qallha: "Ibnek isir qassis u ġumata anki isqof". Jiena ma ngħidx li Dun Karm kellu d-don tal-profezija; imma qed